# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 4 ta' Diċembru, 2023.

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 12/2021 ISB**

**Waypoint Asset Malta Ltd (C63764)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment tagħha tat-13 ta' Lulju 2021 u li permezz tiegħu, il-kumpanija **Waypoint Asset Malta Limited (C63764)** kienet iddikjarata xolta u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta' stralċ, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-riċevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari mħejjija u ppreżentati;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Awwissu 2022 li permezz tiegħu ġie approvat il-pjan ta' gradwazzjoni u approvat id-distribuzzjoni tal-assi tal-kumpanija stralċjata kif dikjarat a fol 46 tal-proċess.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtiġijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċjarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-liġi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpanija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi jirriżulta illi kienu mħarsa l-ħtiġijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Tawtorizza** d-distribuzzjoni kif indikat fil-parti intitolata "Skema ta' Distribuzzjoni" fin-Nota tar-Riċevitur Uffiċjali tal-4 ta' Ottubru 2023 (fol 59 tal-proċess);

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tagħha.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpaniji avviż tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tagħha.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija **Waypoint Asset Malta Ltd (C63764)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija Waypoint Asset Malta Ltd (C63764).

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħares dik l-ordni.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**